SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

28 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-466/03,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari u talba supplimentari għal domanda preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mil-Landgericht Baden-Baden (il-Ġermanja), permezz tad-deċiżjonijiet ta' l-20 ta' Ottubru 2003 u l-10 ta' Ottubru 2005, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2003 u fil-31 ta' Ottubru 2005 rispettivament, fil-proċedura

Albert Reiss Beteiligungsgesellschaft mbH,

vs

Land Baden-Württemberg,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann (Relatur), President ta' l-Awla, K. Lenaerts, E. Juhász, M. Ilešič u E. Levits, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukati Ġenerali: L. A. Geelhoed, wara V. Trstenjak,
Reġistraturi: R. Grass, Reġistratur, wara B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Novembru 2006,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Albert Reiss Beteiligungsgesellschaft mbH, minn A. Feber u H. Sandweg, Rechtsanwälte,

— għal Land Baden-Württemberg, minn K. Ehmann, M. Steindorfner u F. Mauch, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn R. Lyal u K. Gross, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukati Ġenerali, ippreżentati fis-seduti tas-16 ta' Ġunju 2005 u t-8 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari u s-supplement tagħha jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 10 u 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju

1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 249, p. 25), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE, ta' l-10 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 156, p. 23, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 69/335").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' proċedura bejn il-kumpannija Albert Reiss Beteiligungsgesellschaft mbH (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Reiss") u l-Land Baden-Württemberg, dwar il-ħlas ta' drittijiet fuq att notarili li jawtentika t-trasferiment ta' ishma f'kumpannija b'responsabbiltà limitata favur il-kumpannija Reiss, liema trasferiment sar bħala kontribuzzjoni fil-kuntest ta' żieda fil-kapital tal-kumpannija msemmija.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Kif jirriżulta mill-ewwel u t-tieni premessa tad-Direttiva 69/335, din tfittex li tippromwovi l-moviment ħieles tal-kapital, ħelsien fundamentali kkunsidrat essenzjali għall-ħolqien ta' suq intern. Għal din ir-raġuni, hija tfittex li tneħħi l-ostakli fiskali fil-qasam tal-ġbir tal-kapital, fosthom, b'mod partikolari, il-kontribuzzjonijiet ta' kapital lill-kumpanniji, jiġifieri l-kontribuzzjonijiet magħmula mis-soċji jew mill-azzjonisti lill-kumpanniji kapitali tagħhom.

4 Għalhekk, l-Artikoli 1 sa 9 tad-Direttiva 69/335 jipprovdu għall-impożizzjoni ta' taxxa armonizzata fuq il-kontribuzzjonijiet ta' kapital lil kumpanniji (iktar 'il quddiem it-"taxxa kapitali").

5 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 69/335 jistabbilixxi l-lista ta' operazzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jew għandhom, skond il-każ, jissuġġettaw għal tali taxxa kapitali.

6 B'hekk l-Artikolu 4(1)(ċ) ta' din id-Direttiva jiddisponi li l-Istati Membri għandhom jissuġġettaw għal taxxa kapitali "ż-żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip".

7 Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 69/335, moqri fid-dawl ta' l-aħħar premessa tagħha, jipprovdi għat-tneħħija ta' taxxi li għandhom l-istess karatteristiċi tat-taxxa [dazji] kapitali (iktar 'il quddiem it-"taxxi li jixbhu t-taxxa kapitali").

8 B'hekk, skond l-Artikolu 10(ċ) ta' din id-Direttiva, minbarra t-taxxa kapitali, l-Istati Membri m'għandhom jimponu, fir-rigward ta' kumpanniji, ditti, assoċjazzjonijiet jew persuni ġuridiċi li jaħdmu għal profitt, ebda taxxa, ta' kwalunkwe forma, għar-reġistrazzjoni jew għal kull formalità preliminari oħra għall-eżerċizzju ta' attività, li tista' tkun suġġetta għaliha kumpannija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li taħdem għal profitt minħabba l-forma ġuridika tagħha.

9 Madankollu, bis-saħħa ta' l-Artikolu 12(1)(a) u (e) tad-Direttiva 69/335:

"1. Minkejja l-Artikoli 10 u 11, l-Istati Membri jistgħu jimponu:

a) [taxxi] fuq it-trasferiment ta' titoli, kemm jekk imposti b'rata uniformi u kemm jekk le;

[...]

e) [taxxi] mħallsa [bħala miżati] jew drittijiet;

[...]".

10 Fir-rigward tat-taxxi fuq it-trasferiment ta' titoli, il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għal Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Diċembru 1964 [COM(64) 526 finali], li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 69/335, jgħid:

"Fost it-taxxi [indiretti imposti fuq iċ-ċaqliq tal-kapital], hemm, minn naħa, dawk imposti fuq il-ġbir tal-kapitali u minn naħa l-oħra, dawk imposti fuq it-tranżazzjonijiet fuq it-titoli. Dan il-proġett għal Direttiva jirrigwarda t-taxxi indiretti imposti fuq il-ġbir tal-kapitali, liema kategorija ta' taxxi tinkludi [t-taxxi] kapitali fuq il-kapital nett tal-kumpanniji, it-taxxa fuq il-boll fuq it-titoli nazzjonali, it-taxxa fuq il-boll imposta fuq l-introduzzjoni jew il-ħruġ fis-suq nazzjonali ta' titoli li joriġinaw minn pajjiż barrani, kif ukoll taxxi indiretti oħra li għandhom l-istess karatteristiċi.

Fir-rigward tat-taxxi indiretti imposti fuq it-tranżazzjonijiet fuq it-titoli, bħat-taxxi fuq l-operazzjonijiet fil-Borża, dawn ikunu s-suġġett ta' proġett għal Direttiva ieħor iktar 'il quddiem. Għaldaqstant, il-proposta hija mingħajr effett fir-rigward tagħhom."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

11 L-Artikolu 15(3) tal-liġi Ġermaniża dwar il-kumpanniji ta' responsabbiltà limitata (Gesetz betreffend die Gesellschaften mit beschränkter Haftung), ta' l-20 ta' April 1892 (RGBl. 1892 I p. 477, iktar 'il quddiem il-"GmbHG-Gesetz"), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, tgħid li "it-trasferiment ta' l-ishma minn azzjonist għandu jsir permezz ta' kuntratt notarili".

12 Is-somma tad-drittijiet li tista' tiġi mitluba min-nutara hija stabbilita mil-liġi federali dwar it-tassazzjoni ta' l-atti (Kostenordnung), tas-26 ta' Lulju 1957 (BGBl. 1957 I, p. 960, iktar 'il quddiem il-"Kostenordnung"), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali.

13 L-Artikolu 32(1) tal-Kostenordnung jgħid li fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 1 000, it-taxxa bażi hija ta' EUR 10. Din it-taxxa bażi tiżdied:

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 5 000, b'EUR 8 għal kull EUR 1 000 supplimentari,

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 50 000, b'EUR 6 għal kull EUR 3 000 supplimentari,

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 5 000 000, b'EUR 15 għal kull EUR 10 000 supplimentari,

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 25 000 000, b'EUR 16 għal kull EUR 25 000 supplimentari,

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' mhux iktar minn EUR 50 000 000, b'EUR 11 għal kull EUR 50 000 supplimentari,

— fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' iktar minn EUR 50 000 000, b'EUR 7 għal kull EUR 250 000 supplimentari.

14 Bis-saħħa ta' l-Artikolu 36(2) tal-Kostenordnung, "id-doppju tat-taxxa bażi għandu jitħallas għall-awtentikazzjoni tal-kuntratti".

15 Fil-Land Baden-Württemberg, ir-relazzjonijiet interni bejn in-nutara impjegati mas-servizz pubbliku u s-Staatskasse (Teżor Pubbliku) huma indikati, b'mod partikolari, fil-liġi tal-Land dwar il-finanzjament tal-ġustizzja (Landesjustizkostengesetz), tal-15 ta' Jannar 1993 (GBl. p. 110, iktar 'il quddiem il-"Landesjustizkostengesetz").

16 Fil-bidu din il-liġi kienet tgħid li n-nutara impjegati mas-servizz pubbliku li jeżerċitaw fil-ġurisdizzjoni ta' l-Oberlandesgericht Karlsruhe ma kinux il-krediturì diretti tad-drittijiet dovuti għall-pubblikazzjoni ta' att notarili, iżda li dawn id-drittijiet kienu jappartjenu direttament lil-Land. In-nutara impjegati mas-servizz pubbliku kienu jibbenifikaw mill-pożizzjoni tagħhom bħala impjegati ta' l-Istat, ma liema kien jiżdied ammont varjabbli, korrispondenti għal parti mid-drittijiet li kienu jitħallsu. B'hekk, fir-rigward, per eżempju, tad-drittijiet irċevuti għall-awtentikazzjoni tal-kuntratti msemmija fl-Artikolu 15(3) tal-GmbH-Gesetz, dawn kellhom dritt għal 50 % ta' l-ammont ta' dawn id-drittijiet.

17 Din is-sistema ġiet emendata, b'effett retroattiv fl-1 ta' Ġunju 2002, permezz tal-liġi tat-28 ta' Lulju 2005 (GBl. Nru 12 tal-5 ta' Awwissu 2005, p. 580).

18 B'hekk, skond l-Artikolu 10 tal-Landesjustizkostengesetz, kif emendata:

"1. Id-drittijiet u l-ispejjeż marbuta max-xogħol tan-nutara jingabru għall-benefiċċju tat-Teżor Pubbliku.

2. Id-drittijiet u l-ispejjeż marbutin max-xogħol tagħhom skond l-Artikolu 3(1) tal-Liġi Reġjonali dwar il-ġurisdizzjoni volontarja kif ukoll ta' l-interessi eventwali skond l-Artikolu 154a tal-Liġi Federali dwar it-tassazzjoni ta' atti [Gesetz über die Kosten in Angelegenheiten der freiwilligen Gerichtsbarkeit (Kostenordnung)], għandhom jitħallsu lin-nutara. Id-drittijiet, l-ispejjeż u l-interessi msemmija fl-ewwel sentenza jingabru għall-benefiċċju tat-Teżor Pubbliku, [...]"

3. In-nutara għandhom jirċievu d-drittijiet, l-ispejjeż u l-interessi msemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 2, [...] flimkien mar-rimunerazzjoni li huma intitolati għaliha skond il-Liġi Reġjonali dwar ir-rimunerazzjoni ta' l-uffiċjali (Landesbesoldungsgesetz)."

19 L-Artikolu 11(1) tal-Landesjustizkostengesetz, kif emendata, tgħid li bħala prinċipju, it-Teżor Pubbliku m'għandux jiġbor iktar minn 15 % tad-drittijiet li n-nutara impjegati mas-servizz pubbliku tal-Land jirċievu għall-awtentikazzjoni ta' l-atti skond id-dispożizzjonijiet vinkolanti taħt id-dritt dwar il-kumpanniji.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Fit-30 ta' Lulju 2002, il-kumpannija Reiss iddeċidiet li żżid il-kapital soċjetarju tagħha permezz ta' kontribuzzjoni, b'tali mod li dan jitla għal EUR 100 000. Għal dan il-għan, l-uniku soċju ta' din il-Kumpannija, M. Reiss, ittrasferixxa lill-kumpannija Reiss l-uniku sehem tal-kumpannija li kien jippossjedi, permezz ta' att notarili tat-30 ta' Lulju 2002 (ippubblikat minn nutar impjegat mas-servizz pubbliku fil-ġurisdizzjoni ta' l-Oberlandesgericht Karlsruhe), f'kumpannija b'responsabbiltà limitata oħra, il-kumpannija Arku Maschinenbau GmbH (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Arku").

21 Fl-4 ta' Novembru 2002, iż-żieda fil-kapital tal-kumpannija Reiss ġiet irreġistrata fir-reġistru kummerċjali f'Amtsgericht Baden-Baden. Indipendentement minn drittijiet oħra, l-uffiċjal inkarigat li jirċievi d-drittijiet talab, mill-kumpannija Reiss, għall-awtentikazzjoni tat-trasferiment ta' l-uniku sehem tal-kumpannija fil-kumpannija Arku, il-ħlas ta' drittijiet notarili fl-ammont ta' EUR 11 424. Dan l-ammont ġie kkalkulat abbażi tal-valur ta' l-operazzjoni li jikkorrispondi għal EUR 3 763 443,90.

22 Il-kumpannija Reiss ressqet rikors li bih ikkontestat il-fondatezza ta' din it-taxxa fid-dawl tad-dritt Komunitarju.

23 Peress li dan ir-rikors ġie miċħud mill-Amtsgericht Baden-Baden, il-kumpannija Reiss appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht Baden-Baden iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva [69/335], jinkludi wkoll id-drittijiet għall-awtentikazzjoni notarili tat-trasferiment ta' ishma f'kumpannija privata b'responsabbiltà limitata?"

25 Fl-analiżi ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja inizjalment iddeċidiet li tagħti d-deċiżjoni tagħha permezz ta' digriet motivat taħt l-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, wara xi oġġezzjonijiet mil-Land Baden-Württemberg, li qal li mhux l-aspetti kollha tar-risposta għad-domanda preliminari setgħu jiġu dedotti mill-ġurisprudenza eżistenti, hija reġgħet eżaminat il-kwistjoni u ddeċidiet li tagħti sentenza dwar id-domanda preliminari.

26 Permezz ta' deċiżjoni ta' l-10 ta' Ottubru 2005, il-Landgericht Baden-Baden ressaq domanda supplimentari lill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-iskop li din tieħu in kunsiderazzjoni l-emenda leġiżlattiva permezz tal-liġi tat-28 ta' Lulju 2005:

"Id-drittijiet notarili jitilfu l-kwalità tagħhom ta' taxxa fis-sens tad-Direttiva 69/335 meta l-Istat jirrinunzja għal sehemu fuq l-att ġuridiku u, konsegwentement, iħalli d-drittijiet lin-nutar stess li jaħdem fis-servizz ċivili — salv għat-tnaqqis ta' kumpens b'rata fissa ta' l-ispejjeż fl-ammont ta' 15 % — iżda fejn in-nutar xorta jibqa' jifforma parti mill-organizzazzjoni amministrattiva u jitħallas mill-Istat għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi?"

27 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Marzu 2007, il-kumpannija Reiss talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, skond l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura, bil-għan li tiffissa l-miżuri istruttorji skond l-Artikoli 45 *et seq* tar-Regoli tal-Proċedura għall-iskop li jiġu ppreżentati l-provi tal-fatti msemmija fil-punt 50 tal-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Trstenjak.

Fuq it-talbiet intiżi għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali u l-iffissar ta' miżuri istruttorji

28 Il-kumpannija Reiss tixtieq li terġa tinfetaħ il-proċedura orali sabiex il-konstatazzjonijiet magħmula mill-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-konklużjonijiet tiegħu fuq ir-riskju ekonomiku u r-responsabbiltà tan-nutara impjegati mas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jiġu vverifikati.

29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizza tista' *ex officio* jew fuq proposta ta' l-Avukat Ġenerali, jew ukoll fuq talba tal-partijiet tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, jekk hija tqis li għandha biżżejjed informazzjoni jew li l-kawża għandha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet (ara s-sentenzi tad-19 ta' Frar 2002, Wouters *et*, C-309/99, Ġabra p. I-1577, punt 42, u ta' l-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match, C-210/03, Ġabra p. I-11893, punt 25).

30 Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, ikkunsidrat li hija kellha l-elementi neċessarji kollha sabiex tirrispondi għad-domandi mressqa. Konsegwentement, għandha tiġi miċħuda t-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi miċħuda wkoll it-talba għall-iffissar ta' miżuri istruttorji.

Fuq id-domandi preliminari

32 Permezz tad-domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati f'daqqa, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva 69/335 tipprekludix il-ħlas ta' drittijiet notarili għall-awtentikazzjoni ta' trasferiment ta' ishma f'kumpannija, magħmul bħala kontribuzzjoni fil-kuntest ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali, u dan f'sistema kkaratterizzata mill-fatt li n-nutara huma impjegati mas-servizz pubbliku u li d-drittijiet huma, għall-inqas parzjalment, imħallsa lill-Istat bħala kontribut għan-nefqa pubblika.

Fuq l-ammissibbiltà

33 Filwaqt li jgħid li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv, jiġifieri li d-drittijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 69/335, u b'mod partikolari ta' l-Artikolu 10(ċ) tagħha, il-Gvern tal-Land Baden-Württemberg iqis li fir-realtà l-qorti tar-rinviju ma teħtieġ l-ebda risposta għad-domanda supplimentari, u li għaldaqstant, din hija inammissibbli.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li ċ-ċaħda ta' domanda ppreżentata minn qorti nazzjonali mhijiex possibbli ħlief meta jidher manifestament li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju m'għandhiex x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tal-

kawża prinċipali jew inkella meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex twieġeb b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Dan mhuwiex il-każ fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, ma jidhirx manifestament li d-drittijiet in kwistjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 69/335 u li, għaldaqstant, id-domanda supplimentari għandha tiġi kkunsidrata bħala mhux relatata mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

36 Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet imsemmija jidħlux jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 69/335 mhijiex kwistjoni dwar ammissibbiltà, iżda tidħol fil-mertu u għandha tiġi evalwata f'dan l-aħħar kuntest.

37 Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għad-domanda supplimentari.

Fuq il-mertu

38 Qabel kollox għandu jiġi evalwat jekk drittijiet, bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxux "taxxa" skond id-Direttiva 69/335, wara, jekk dawn id-drittijiet jidħlux taħt il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 69/335, u fl-aħħar, jekk ikun il-każ, jekk eventwalment dawn id-drittijiet jidħlux taħt waħda mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva.

Fuq il-kwalifika bħala "taxxa" skond id-Direttiva 69/335

39 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fid-dawl ta' l-għanijiet li trid tilħaq id-Direttiva 69/335, il-kunċett ta' "taxxa" skond din id-Direttiva għandu, bħala prinċipju, jingħata interpretazzjoni wiesgħa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-426/98, Ġabra p. I-2793, punt 25, u ta' l-10 ta' Marzu 2005, Optiver *et*, C-22/03, Ġabra p. I-1839, punti 30 u 31).

40 Skond il-ġurisprudenza, id-drittijiet notarili għandhom jiġu kkwalifikati bħala "taxxa" skond id-Direttiva 69/335 meta jitħallsu fil-kuntest ta' operazzjoni msemmija fid-Direttiva msemmija lil nutara li huma impjegati mas-servizz pubbliku u, għall-inqas parzjalment, jitħallsu lill-Istat bħala kontribut għan-nefqa pubblika (ara, f'dan is-sens, id-Digriet tal-21 ta' Marzu 2002, Gründerzentrum, C-264/00, Ġabra p. I-3333, punt 27; is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2005, Längst, C-165/03, Ġabra p. I-5637, punt 37, u tas-7 ta' Settembru 2006, Organon Portuguesa, C-193/04, Ġabra p. I-7271, punt 17).

41 Fir-rigward tad-drittijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà stabbilixxiet li l-kundizzjonijiet kienu ġew sodisfatti fil-kuntest ta' sistema li kienet fis-seħħ qabel fil-ġurisdizzjoni ta' l-Oberlandesgericht Karlsruhe, li l-Amtsgericht Baden-Baden jifforma parti minnha, fejn in-nutara kienu impjegati mas-servizz pubbliku u fejn id-drittijiet li tħallsu għall-pubblikazzjoni ta' att notarili kienu parzjalment imħallsa lill-Istat biex jiffinanzja n-nefqa tiegħu (ara, f'dan is-sens, id-Digriet Gründerzentrum, iċċitat iktar 'il fuq, punt 28).

42 Ma jidhirx li l-emendi magħmula lil din is-sistema permezz tal-liġi tat-28 ta' Lulju 2005 huma tali li jiġġustifikaw konklużjoni differenti, fil-kawża prinċipali.

43 Fil-fatt, min-naħa, in-nutara baqgħu uffiċjali impjegati mill-Istat. Min-naħa l-oħra, dawn baqgħu marbuta jgħaddu parti mid-drittijiet imsemmija lill-Istat. Barra minn hekk, din il-liġi tistabbilixxi b'mod ċar li d-drittijiet u l-ispejjeż relatati ma' l-attivitajiet tan-nutara jitħallsu favur it-Teżor Pubbliku.

44 Din il-konstatazzjoni ma tistax titqiegħed in diskussjoni mill-fatt li n-nutara impjegati mas-servizz pubbliku li jeżerċitaw fil-ġurisdizzjoni ta' l-Oberlandesgericht Karlsruhe saru, wara l-liġi tat-28 ta' Lulju 2005, huma stess kredituri tad-drittijiet in kwistjoni u li l-parti li għandhom jgħaddu lill-Istat hija relattivament moderata, jiġifieri 15 % tat-total ta' dawn id-drittijiet.

45 Min-naħa, fil-kawzi li taw lok għas sentenzi tad-29 ta' Settembru 1999, Modelo, magħruf bħala "Modelo I" (C-56/98, Ġabra p. I-6427, punti 19 u 23), u tal-21 ta' Settembru 2000, Modelo, magħruf bħala "Modelo II", (C-19/99, Ġabra p. I-7213, punti 19 u 23) kif ukoll Längst u Organon Portuguesa, iċċitati iktar 'il fuq (ara, rispettivament, il-punti 41 sa 43, kif ukoll 11 u 17), id-drittijiet in kwistjoni wkoll kienu jitħallsu, fil-bidu, lin-nutara impjegati mas-servizz pubbliku, sabiex wara parti minnhom tiġi mgħoddija lill-Istat.

46 Min-naħa l-oħra, f'dawn l-istess kawżi kif ukoll fil-kawża li tat lok għad-digriet Gründerzentrum, iċċitat iktar 'il fuq, id-drittijiet in kwistjoni ġew ikkwalifikati bħala "taxxi" skond id-Direttiva 69/335, indipendentement mit-total tal-parti ttrasferita lill-Istat. Fil-fatt, għalkemm mill-fatti deskritti fis-sentenza Längst, iċċitata iktar 'il fuq, jista' jiġi dedott li l-Istat kien jirċievi madwar 66 % tad-drittijiet, din iċ-ċirkustanza ma ġietx meqjusa mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala element rilevanti għall-finijiet ta' l-imsemmija kwalifika. Bl-istess mod, l-ebda waħda mis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq ma ssemmi l-ammont tal-parti mgħoddija lill-Istat. Konsegwentement, il-kwistjoni ta' l-ammont speċifiku tal-parti li għandha tiġi ttrasferita lill-Istat mingħand nutar impjegat mas-servizz pubbliku, *a priori*, m'għandha l-ebda impatt fuq il-kwalifika tad-drittijiet bħala "taxxa".

47 Isegwi li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, drittijiet bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu "taxxa" skond id-Direttiva 69/335.

Fuq il-projbizzjoni ta' taxxi simili għat-taxxa kapitali [Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335]

48 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 69/335, moqri fid-dawl ta' l-aħħar premessa tagħha, jipprojbixxi t-taxxi li għandhom l-istess karatteristiċi bħat-taxxa kapitali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-20 ta' April 1993, Ponente Carni u Cispadana Costruzioni, C-71/91 u C-178/91, Ġabra p. I-1915, punt 29, u tal-11 ta' Ġunju 1996, Denkavit Internationaal *et*, C-2/94, Ġabra p. I-2827, punt 23).

49 Għaldaqstant, fl-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335, hemm imsemmija b'mod partikolari t-taxxi ta' kwalunkwe forma, li għandhom jitħallsu għar-reġistrazzjoni jew għal kull formalità preliminari oħra għall-eżerċizzju ta' attività, li tista' tkun suġġetta għaliha kumpannija minħabba l-forma ġuridika tagħha.

50 Din il-projbizzjoni tiżdied ma dawk imsemmija fl-Artikolu 10 (a) u (b) ta' din id-Direttiva, li jirreferu għall-każijiet ipotetiċi deskritti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva, u hija ġġustifikata mill-fatt li, għalkemm it-taxxi in kwistjoni ma' jikkonċernawx il-kontribuzzjonijiet ta' assi lil kumpannija fihom innfushom, dawn xorta waħda huma miġbura minħabba formalitajiet marbuta mal-forma ġuridika tal-kumpannija, jiġifieri l-mezz użat sabiex jinġabar il-kapital, b'tali mod li ż-żamma tagħhom toħloq riskju li ma jinlaħqux l-għanijiet li trid tilħaq id-Direttiva msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, Badischer Winzerkeller, C-264/04, Ġabra p. I-5275, punt 19, u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li l-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335 għandu, bħala prinċipju, jingħata interpretazzjoni wiesgħa fis-sens li jinkludi mhux biss il-proċeduri formali preliminari għall-eżerċizzju ta' l-attività ta' kumpannija kapitali, iżda wkoll dawk il-formalitajiet li jikkundizzjonaw l-eżerċizzju u l-andament ta' l-attività ta' tali kumpannija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 1997, Fantask *et*, C-188/95, Ġabra p. I-6783, punt 22; tal-5 ta' Marzu 1998, Solred, C-347/96, Ġabra p. I-937, punt 22, u Badischer Winzerkeller, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

52 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kemm-il darba qalet li, meta operazzjoni mwettqa minn persuna ġuridika, bħaż-żieda fil-kapital awtorizzat tagħha jew l-emendi fl-istatuti tagħha, jew l-akkwist ta' beni immobbli wara li jkun hemm amalgamazzjoni, għandha, fid-dritt nazzjonali, b'mod obbligatorju tkun is-suġġett ta' formalità legali, din il-formalità tikkundizzjona l-eżerċizzju u l-andament ta' l-attività ta' din il-kumpannija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Badischer Winzerkeller, iċċitata iktar 'il fuq, punti 26 u 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 B'hekk, per eżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala illegali, skond l-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335, taxxi imposti fuq ir-reġistrazzjoni ta' kumpannija ġdida (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Ponente Carni u Cispadana Costruzioni, punti 30 u 31, kif ukoll Fantask *et*, punt 22), l-awtentikazzjoni tal-formazzjoni ta' kumpannija ġdida (Digriet Gründerzentrum, iċċitat iktar 'il fuq, punt 30), ir-reġistrazzjoni taż-żieda fil-kapital ta' kumpannija (is-sentenzi Fantask *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22; tas-26 ta' Settembru 2000, IGI, C-134/99, Ġabra p. I-7717, punt 25, u tal-21 ta' Ġunju 2001, SONAE, C-206/99, Ġabra p. I-4679, punt 31), l-awtentikazzjoni ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija (sentenza Modelo I, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26), kif ukoll l-awtentikazzjoni tal-ħlas tal-kapital ta' kumpannija li għad irid jitħallas (sentenza Solred, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

54 Kif qal ukoll l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punti 20 sa 23 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-drittijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali ġew imposti għall-awtentikazzjoni ta' trasferiment ta' ishma f'kumpannija (Arku), li seħħ bil-kontribuzzjoni ta' l-assi fil-kuntest ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali (kumpannija Reiss). B'hekk, l-awtentikazzjoni in kwistjoni tikkonferma tranżazzjoni li fuqha tiddependi ż-żieda fil-

kapital ta' kumpannija kapitali. Peress li dawn it-tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' ishma għandhom, fid-dritt Ġermaniż, ikunu suġġetti għal awtentikazzjoni b'mod obbligatorju, din l-awtentikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala formalità li tikkundizzjona l-eżerċizzju u l-andament ta' l-attività tal-kumpannija kapitali in kwistjoni (kumpannija Reiss). Għaldaqstant, l-awtentikazzjoni in kwistjoni hija formalità preliminari li hija suġġetta għaliha kumpannija kapitali minħabba l-forma ġuridika tagħha.

55 Minn dan isegwi li drittijiet bħal dawk in kwistjoni fil-kawża prinċipali jidħlu taħt l-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335, li jimplika li l-ħlas tagħhom huwa, bħala prinċipju, ipprojbit.

56 Madankollu, għad irid jiġi evalwat jekk dawn id-drittijiet jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 69/335.

Fuq id-dispożizzjoni li tawtorizza l-ħlas ta' taxxi fuq it-trasferiment ta' titoli [Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 69/335]

57 L-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 69/335 jenfasizza li l-Istati Membri huma liberi li jimponu taxxi fuq it-trasferiment ta' titoli.

58 Peress li l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 69/335 jillimita l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 10 u 11 ta' din l-istess Direttiva, id-dispożizzjoni msemmija għandha tingħata interpretazzjoni stretta u ma tistax tinftiehem bħala li tinkludi taxxi oħra minbarra "taxxi fuq it-trasferiment ta' titoli" skond it-tifsira stess ta' dawn it-termini.

59 Minn dan jirriżulta li, peress li d-drittijiet in kwistjoni fil-kawża prinċipali ma jikkostitwixxux taxxa fuq it-trasferiment ta' titoli iżda, b'mod kuntrarju, jikkostitwixxu drittijiet notarili taħt l-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335, dawn ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 69/335.

Fuq id-deroga li tawtorizza t-taxxi mħallsa bħala miżati jew drittijiet [Artikolu 12 (1)(e) tad-Direttiva 69/335]

60 L-Artikolu 12(1)(e), tad-Direttiva 69/335 jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jimponu taxxi mħallsa bħala miżati jew drittijiet.

61 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li t-"[taxxi] mħallsa permezz ta' [miżati] jew drittijiet" huma taxxi mħallsa bħala kumpens għall-provvista ta' servizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-426/98, Ġabra p. I-2793, punt 36).

62 Għaldaqstant, kif qal l-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tiegħu, jistgħu biss jiġu kkwalifikati bħala "[taxxi] mħallsa permezz ta' [miżati] jew drittijiet" skond l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 69/335 dawk il-kumpensi li l-ammont tagħhom jiġi kkalkulat abbażi tal-prezz tas-servizz mogħti. Min-naħa l-oħra, kumpens li l-ammont tiegħu huwa nieqes minn kull rabta mal-prezz ta' dan is-servizz partikolari jew li l-ammont tiegħu huwa kkalkulat mhux abbażi tal-prezz tas-servizz li qed isir il-ħlas għalih, iżda abbażi tat-total ta' l-ispejjeż għall-funzjonament u ta' investiment ta' l-amministrazzjoni għandhu jitqies li huwa taxxa pprojbita bis-saħħa ta' l-Artikoli 10 u 11 ta' din id-Direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ponente Carni u Cispadana Costruzioni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 41 u 42, kif ukoll id-Digriet Gründerzentrum, iċċitat iktar 'il fuq, punt 31).

63 B'hekk, taxxa, li l-ammont tagħha jiġi stabbilit skond il-valur tat-tranżazzjoni ekonomika sottostanti u li jiżdied direttament u mingħajr limiti skond dan il-valur, ma tistax, minnha nnifsha, tikkostitwixxi "[taxxi] mħallsa [bħala miżati] jew drittijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 12(1)(e) tad-Direttiva 69/335. Anki jekk f'ċerti każijiet tista' teżisti rabta bejn il-komplessità tas-servizz ipprovdut mill-amministrazzjoni u l-valur tat-tranżazzjoni ekonomika sottostanti, l-ammont ta' din it-taxxa ġeneralment ma jkunx relatat ma l-ispejjeż magħmula konkretament mill-amministrazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Modelo I, punt 30, u IGI, punt 31).

64 Fil-kawża prinċipali, l-ammont tad-drittijiet in kwistjoni jiżdied direttament skond il-valur ta' l-ishma ttrasferiti, u b'hekk skond it-tranżazzjoni ekonomika sottostanti. Barra minn hekk, peress li dawn id-drittijiet huma imposti mingħajr ma ġie stabbilit l-ebda limitu, dawn jistgħu jilħqu ammont totali kunsiderevoli, liema ammont lanqas ma ġie sostnut mill-Gvern Ġermaniż li jikkorrispondi mal-prezz tas-servizz ipprovdut.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-drittijiet imsemmija m'għandhomx in-natura ta' miżati jew drittijiet skond l-Artikolu 12(1)(e), tad-Direttiva 69/335.

66 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għad-domandi li saru għandha tkun li l-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva 69/335 jipprekludi l-ġbir tad-drittiiet notarili għall-awtentikazzjoni ta' trasferiment ta' ishma f'kumpannija, li jkun seħħ permezz ta' kontribuzzjoni fil-kuntest ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali, u dan f'sistema kkaratterizzata mill-fatt li n-nutara huma impjegati mas-servizz pubbliku u li d-drittijiet jitħallsu, għall-inqas parzjalment, lill-Istat bħala kontribut għan-nefqa pubblika.

Fuq l-ispejjeż

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 10(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 69/335/KEE, tas-17 ta' Lulju 1969, li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 85/303/KEE, ta' l-10 ta' Ġunju 1985, jipprekludi l-ġbir tad-drittiiet notarili għall-awtentikazzjoni ta' trasferiment ta' ishma f'kumpannija, li jkun seħħ permezz ta' kontribuzzjoni fil-kuntest ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali, u dan f'sistema kkaratterizzata mill-fatt li n-nutara huma impjegati mas-servizz pubbliku u li d-drittijiet jitħallsu, għall-inqas parzjalment, lill-Istat bħala kontribut għan-nefqa pubblika.

Firem